

Brussell, 7 ta' Ġunju 2024  
(OR. en)

10550/24

SOC 412  
EMPL 236  
ECOFIN 621

**NOTA**

---

|          |                                                                                                      |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                     |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                        |
| Suġġett: | Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet<br>- <i>Approvazzjoni</i> |

---

1. Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż sett ta' abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-"Adegwatezza tal-Pensjonijiet", kif imħejji mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.
2. Il-Konklużjonijiet huma bbażati fuq ir-Rapport tal-2024 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet imħejji mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea. Dan is-sett ta' Konklużjonijiet fih ukoll approvazzjoni tal-Konklużjonijiet Ewlenin tar-Rapport.
3. L-abbozz ta' Konklużjonijiet ġie diskuss fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u f'laqgħa waħda tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali. Wara konsultazzjoni informali bil-miktub, il-Grupp ta' Ħidma laħaq qbil dwar il-Konklużjonijiet kif jinsabu fl-Anness ta' din in-Nota.

4. Il-Kumitat mistieden

- jikkonferma l-qbil li ntlaħaq dwar l-abbozz ta' Konklużjonijiet kif jinsab fl-Anness; u
  - jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet meħmuż lill-Kunsill (EPSCO) sal-20 ta' Ġunju 2024 għall-approvazzjoni.
-

**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill****Adegwatezza tal-Pensjonijiet**

1. Filwaqt li JAGĦRAF li d-dritt għal introjtu u pensjonijiet adegwati għall-anzjani, ipproklammat fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, huwa element kostitwenti ewlieni ta' Ewropa soċjali u kruċjali biex tintlaħaq il-mira għat-tnaqqis tal-faqar għall-2030.
2. Filwaqt li JIRRIKONOXXI li, hekk kif il-proporzjon ta' anzjani fis-soċjetà tagħna jiżdied fid-deċennji li ġejjin, l-iżgurar tal-adekwatezza tal-pensjonijiet ser jippreżenta sfida iżda ser ikun kruċjali għall-appoġġ tal-benesseri tal-popolazzjoni.
3. Filwaqt li JFAKKAR li l-Unjoni Ewropea tappoġġa l-isforzi nazzjonali biex jiġu żgurati introjti adegwati għall-anzjani, inkluż billi tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, u li r-Rapporti dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet imħejjija mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni huma għodda analitika ewlenija f'dan ir-rigward.
4. Filwaqt li JIRRIKONOXXI l-importanza ta' perspettiva politika olistika u ta' koordinazzjoni mill-qrib tal-analiżi tas-sostenibbiltà tan-nefqa relatata mat-tixjiħ u l-adekwatezza tal-pensjonijiet u l-kura fit-tul.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

5. JAPPROVA l-Konklużjonijiet Ewlenin tar-Rapport tal-2024 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet imħejji mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (u l-Grupp ta' Ħidma tiegħu dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet) u l-Kummissjoni.

6. JENFASIZZA s-sejbiet ewlenin tar-Rapport tal-2024 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet:

- a. Ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali għall-anzjani qed ikompli jiżdied, ikkawżat minn faqar ta' introjtu relattiv, u huwa ogħla fix-xjuħija avvanzata, b'mod partikolari għannisa. Filwaqt li għad hemm differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi, aktar minn wieħed minn kull ħames ċittadini Ewropej akbar fl-età jinsabu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Bħala medja, l-introjtu tal-anzjani għadu taħt 90 % tal-introjtu fl-età tax-xogħol. Iż-żieda fl-istennija tal-għomor qed tonqos; bħala medja, ċittadin Ewropew fil-preżent jista' jistenna li jqatta' 21 sena rtirat. Il-ħtieġa għall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul għandha tendenza li tiżdied bl-età u hija assoċjata ma' riskju ogħla ta' faqar.
- b. Il-maġġoranza tal-anzjani huma nisa, u b'hekk id-disparitajiet bejn il-ġeneri fix-xjuħija huma sfida soċjali partikolari. Filwaqt li d-differenza bejn il-pensjonijiet medji tal-irġiel u n-nisa qed tkompli tonqos, id-disparitajiet li fadal bejn il-ġeneri fil-faqar fost l-anzjani, fl-ammont tal-pensjoni u fil-kopertura tal-pensjoni jixhdu inugwaljanzi persistenti akkumulati matul il-ħajja tax-xogħol. Fost fatturi oħra, litteriżmu finanzjarju aktar baxx jista' jtellef l-ippjanar tan-nisa għall-irtirar. Barra minn hekk, in-nisa mhux f'saħħithom jgħixu aktar fit-tul mill-irġiel mhux f'saħħithom u jkollhom bżonn ta' kura aktar spiss, filwaqt li għandhom introjtu aktar baxx.
- c. Filwaqt li l-pandemija tal-COVID-19 u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ħolqu sfida kbira f'termini ta' standards tal-għajxien, is-sistemi tal-pensjonijiet Ewropej u l-miżuri Ewropej kontra l-kriżijiet għenu biex jittaffa l-impatt fuq l-adeqwatezza tal-pensjonijiet. Fl-istess ħin komplet ix-xejra ġenerali ta' riforma lejn it-tiħiħ tal-mekkaniżmi ta' adegwatezza. L-indiċjar tal-pensjonijiet huwa lieva politika ewlenija biex il-pensjonanti jiġu protetti mill-erożjoni tal-introjtu.

- d. Huwa previst li r-rati ta' sostituzzjoni tal-pensjoni fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ser jonqsu matul l-erba' deċennji li ġejjin. Filwaqt li s-sistemi tal-pensjonijiet u t-tassazzjoni jaffettwaw il-livell u d-distribuzzjoni (mill-ġdid) tal-introjtu fl-irtirar kif ukoll l-iżvilupp futur tal-adeqwatezza, l-età tal-irtirar tibqa' fattur ewlieni li tispjega l-benefiċċji attwali u futuri. It-trattament ta' interruzzjonijiet fil-karriera mis-sistemi tal-pensjonijiet ivarja, minn protezzjoni relattivament tajba tal-pawżi għall-kura tat-tfal għal ikkreditar inqas konsistenti tal-qgħad u l-kura fit-tul.
- e. L-inugwaljanzi soċjoekonomiċi fl-istennija tal-għomor huma sfida għall-politiki dwar il-pensjonijiet, li jistgħu jkunu jeħtieġu aġġustament fil-perkorsi tal-irtirar għal profili tal-karriera differenti sabiex jevitaw li takkumula l-inugwaljanza. Il-mod li bih l-inugwaljanza fil-qliġ mix-xogħol tissarraf f'inugwaljanza fil-pensjonijiet jiddependi fil-biċċa l-kbira mill-progressività tas-sistema tal-pensjonijiet. Filwaqt li s-sistemi tal-pensjonijiet jipproteġu lil dawk fil-bżonn, għad fadal xi diskrepanzi. Huwa previst li bħala medja, il-pensjonijiet għal ħaddiema għal rashom ser ikunu terz aktar baxxi minn dawk ta' impjegati full-time b'karriera simili, fost affarijiet oħra minħabba differenzi fir-regoli u fil-qliġ medju.
7. JENFASIZZA r-rwol ta' introjtu adegwat fost l-anzjani fl-iżgurar tal-konverġenza soċjali, il-promozzjoni ta' tkabbir inklużiv u sostenibbli u t-tiŝiħ tar-reżiljenza ekonomika u soċjali.
8. JILQA' B'SODISFAZZJON il-miżuri li ttieħdu biex il-pensjonanti, b'mod partikolari dawk b'introjtu baxx, jiġu protetti miż-żieda fl-għoli tal-ħajja, kif ukoll ir-riformi introdotti f'ħafna Stati Membri biex tissaħħaħ l-adeqwatezza tal-pensjonijiet, filwaqt li JINNOTA li għad hemm sfidi fl-iżgurar tal-adeqwatezza attwali u futura.

9. JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa li jsiru aktar riformi biex tiġi appoġġata l-adegwatezza tal-pensjonijiet f'soċjetà tal-lonġevità, inkluż billi jittejbu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-aċċess għal skemi ta' protezzjoni soċjali għal kulħadd u l-kontribuzzjonijiet għalihom, u billi jissaħħaħ l-aċċess għal kura tas-saħħa u fit-tul ta' kwalità għolja u affordabbli. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' dawn ir-riformi, inkluż fil-qafas tas-Semestru Ewropew u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
10. JENFASIZZA li l-adegwatezza tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà fiskali tas-sistemi tal-pensjonijiet huma objettivi politiċi marbuta b'mod inseparabbli, li jeħtieġu rispons integrat għall-isfida tat-tixjiħ. JENFASIZZA l-komplementarjetà tal-analiżi pprovduta mir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet u r-Rapport dwar it-Tixjiħ f'dan ir-rigward. JISSOTTOLINJA li ħajja tax-xogħol itwal, appoġġata minn politiki li jippromwovu tixjiħ attiv u san u minn inċentivi pożittivi u aktar flessibbiltà fil-perkorsi tal-irtirar li jirriflettu d-diversità tal-karrieri tax-xogħol, kif ukoll parteċipazzjoni għolja tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol, hija kruċjali biex jinżammu pensjonijiet adegwati u sostenibbli f'soċjetà tal-lonġevità.
11. JILQA' B'SODISFAZZJON l-enfasi tar-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet fuq id-disparitajiet bejn il-ġeneri fix-xjuħija. JAPPELLA lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni jsegwu u jkomplu jiżviluppaw din l-analiżi f'rapporti futuri. JENFASIZZA l-importanza ta' indikaturi affidabbli u aġġornati għall-monitoraġġ tad-disparitajiet bejn il-ġeneri fil-benefiċċji tal-pensjoni u l-kopertura tal-pensjoni, kif enfasizzat mill-Konferenza ta' Livell Għoli ta' Brussell dwar id-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pensjonijiet u l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet.<sup>1</sup>

---

<sup>1</sup> Report of the High Level Conference on the Gender Pension Gap and Pension Adequacy, 8 ta' Frar 2024, Brussell

12. JINNOTA l-importanza ta' analiżi li tħares 'il quddiem dwar l-adeqwatezza tal-pensjonijiet u l-introjti fost l-anzjani, inkluż l-aspetti distributtivi. JAPPELLA lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżviluppaw u japplikaw għodod ta' mmudellar biex jiffaċilitaw il-projezzjonijiet tal-adeqwatezza futura u jivvalutaw l-impatt tar-riformi.
13. JENFASIZZA li l-pensjonijiet għandhom jitqiesu flimkien ma' oqsma politiċi oħra li għandhom l-għan li jappoġġaw l-istandards tal-għajxien fix-xjuħija, b'mod partikolari l-kura fit-tul. JILQA' l-kopertura tal-interazzjoni bejn il-pensjonijiet u s-servizzi tal-kura fit-tul fir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet.
14. JISTIEDEN lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni jkomplu l-ħidma tagħhom dwar l-adeqwatezza tal-pensjonijiet u l-kura fit-tul u jirrapportaw fl-2027.

---